

Brussell, 9 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12651/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0258 (COD)

GAF 24
FIN 1055
ECOFIN 1144
CADREFIN 183
CODEC 1233

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 462 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall- protezzjoni tal-euro kontra l-kontrafazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il- programm "Pericles V"), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 2021/840

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 462 final.

Mehmuż: COM(2025) 462 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.9.2025
COM(2025) 462 final

2025/0258 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jistabbilixxi l-programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro
kontra l-kontrafazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-programm “Pericles V”), u li
jħassar ir-Regolament (UE) Nru 2021/840**

{SWD(2025) 253 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi**

Bħala l-munita unika tal-Unjoni, l-euro huwa interess Ewropew ewlieni, u l-integrità tiegħu jeħtieġ li tkun protetta fid-dimensjonijiet kollha tagħha. Għad hemm theddid sostanzjali ta' kontraffazzjoni. Minkejja li l-għadd medju ta' karti tal-flus tal-euro kontraffatti identifikati kull sena għadu taħt kontroll, huwa meħtieġ li l-viġilanza tkompli, kif muri mill-preżenza dejjem akbar ta' euros u karatteristiċi ta' sigurtà kontraffatti ffalsifikati fuq l-internet/id-darknet li jkunu ta' kwalità tajba, l-emerġenza ta' karti tal-flus bid-disinn mibdul, u l-eżistenza ta' hotspots ta' kontraffazzjoni, eż. fit-Turkija u fiċ-Ċina. Barra minn hekk, il-flus kontanti tal-euro għadhom jintużaw b'mod wiesa' fl-UE biswit mezzi elettroniċi ta' pagament, u għalhekk hi meħtieġa protezzjoni kontinwa kontra l-kontraffazzjoni tal-munita unika. Il-flus foloz huma ta' ħsara għaċ-ċittadini u n-negozji li ma jingħatawx rimborż għall-flus foloz, anki jekk dawn ikunu rċevewhom mingħajr qerq min-naħa tagħhom. B'mod aktar ġenerali, iħallu impatt fuq l-istatus tal-valuta legali u fuq il-fiduċja taċ-ċittadini u n-negozji f'karti u muniti tal-euro ġenwini.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti tal-politika**

Mill-introduzzjoni tal-euro bħala munita unika, hemm il-hteġa li l-euro jitħares kontra l-kontraffazzjoni fil-livell tal-UE u li jkun hemm programm speċifiku ddedikat għal dan l-għan. Il-programm attwali "Pericles IV" huwa ddedikat speċifikament għall-protezzjoni tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro kontra l-kontraffazzjoni, u ġie stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 2021/840 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021¹.

L-approċċ transnazzjonali u multidixxiplinarju distint ta' Pericles IV² u l-enfasi fuq il-bini tal-kapaċitajiet għall-protezzjoni tal-euro jagħmluh uniku fost il-programmi fil-livell tal-UE. Kif ivvalutat kontinwament fir-rapporti annwali tal-programm, huwa b'mod ċar komplementari għall-istrument ta' *Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni (Technical Assistance and Information Exchange - TAIEX)*, li jintuża l-aktar ta' spiss b'appoġġ għan-negozjati tal-adeżjoni, u l-Fond għas-Sigurtà Interna - Pulizija³, li jkopri l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità b'mod ġenerali. Wara l-inklużjoni tal-falsifikazzjoni tal-flus bħala waħda mill-prijoritajiet fil-Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali tal-EMPACT⁴, il-Kummissjoni qiegħda

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 2021/840 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-kontraffazzjoni (il-programm "Pericles IV") (ĠU L 103, 5.4.2014, p. 1). Dan ir-Regolament ħassar ir-Regolament (UE) 331/2014.

² Il-pulizija, l-awtoritajiet ġudizzjarji, il-banek ċentrali nazzjonali, il-laboratorji ta' analiżi teknika, iz-zekki, il-partijiet ikkonċernati privati rilevanti u l-istituzzjonijiet xjentifiċi kollha jistgħu jiġu inklużi fl-azzjonijiet Pericles IV bħala parteċipanti.

³ Ir-Regolament (UE) 2021/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għas-Sigurtà Interna (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 94-131).

⁴ Il-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT, European Multidisciplinary Platform Against Criminal Threats) hija inizjattiva tas-sigurtà xprunata mill-Istati Membri tal-UE biex tidentifika, tipprijoritizza u tindirizza theddidiet maħluqa mill-kriminalità internazzjonali organizzata u internazzjonali. Fl-2021, l-EMPACT saret strument permanenti, kif stabbilit fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontinwazzjoni permanenti taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità organizzata u serja fuq livell internazzjonali. L-Istat Membru mexxej għall-prijorità tal-EMPACT li tkopri l-"Kriminalità tal-Proprietà Intellettwali, l-kontraffazzjoni ta' Oġġetti u Muniti" huwa l-Bulgarija.

tikkoordina mill-qrib mal-entità fit-tmun tal-EMPACT sabiex tiġi mmassimizzata l-komplementarjetà bejn iż-żewġ sorsi ta' finanzjament. Minħabba l-ispeċjalizzazzjoni u l-interdixxiplinarjetà tiegħu, il-programm Pericles jieħu l-inizjattiva fir-rigward tat-taħriġ u l-bini tal-kapaċità, filwaqt li l-EMPACT tiffoka l-attivitajiet tagħha fuq azzjonijiet ta' appoġġ operazzjonali għall-infurzar tal-liġi.

Din il-proposta leġislattiva tikkonċerna l-inizjattiva biex il-programm Pericles ikompli lil hinn mill-2027.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kontraffazzjoni u l-frodi relatata mal-kontraffazzjoni jgħinu biex tiġi ppreservata l-integrità tal-euro, u b'hekk tissaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini u tan-negozji fil-ġenwinità tal-euro u għalhekk jikkontribwixxu biex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tal-euro, tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà fiskali u finanzjarja fl-UE u jitrawwem l-użu internazzjonali tal-munita unika tal-Unjoni għall-kummerċ, is-servizzi finanzjarji u l-investment.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-euro kontra l-kontraffazzjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 133 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Din id-dispożizzjoni tipprevedi li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja, wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew, jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa għall-użu tal-euro bħala l-munita unika. Bħal fil-każ tal-edizzjonijiet preċedenti tal-programm, l-applikazzjoni tal-programm Pericles V se tiġi estiża għall-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, permezz ta' proposta għal Regolament tal-Kunsill parallel abbażi tal-Artikolu 352 TFUE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

F'konformità mal-Artikolu 5(3) TUE, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax f'oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 3(1)(c) tat-TFUE, l-UE għandha kompetenza esklużiva li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-użu tal-euro bħala l-munita unika għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro. F'dan il-qasam, azzjoni mill-Istati Membri taż-żona tal-euro mhijiex possibbli u għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Ir-Regolament propost huwa meħtieġ, adattat u xieraq biex jikseb l-għan aħħari. Huwa jipproponi li jsaħħaħ b'mod effiċjenti l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, mingħajr ma jirrestrinġi l-kapaċità tal-Istati Membri li jipproteġu l-euro kontra l-kontraffazzjoni. L-azzjoni fil-livell tal-Unjoni hija ġġustifikata billi tgħin b'mod ċar lill-Istati Membri biex kollettivament jipproteġu l-euro u tinkoraġġixxi l-użu ta' strutturi komuni tal-Unjoni sabiex jiżdiedu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost huwa Regolament, f'kontinwità mar-Regolament (UE) 2021/840 li jistabbilixxi l-programm Pericles IV. Ir-Regolament wera li jipprovdi ċ-ċertezza legali meħtieġa għal protezzjoni effettiva tal-euro kontra l-kontrafazzjoni li ma setax jinkiseb permezz ta' strumenti legali oħra.

L-applikazzjoni tal-programm Pericles se tiġi estiża għall-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, permezz ta' proposta għal Regolament tal-Kunsill parallel f'kontinwazzjoni mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1696.

3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET RETROSPETTIVI, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet retrospettivi/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Fl-2024 saret evalwazzjoni interim tal-programm Pericles IV, skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/840. L-evalwazzjoni tikkonkludi li l-programm Pericles IV qed jilħaq l-oġettiv tiegħu li jikkontribwixxi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kontrafazzjoni tal-euro, u b'hekk jippreserva l-integrità tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro.

Il-Programm ġeneralment wera li huwa **effettiv** fit-titjib tal-iskambju ta' informazzjoni, il-ħiliet tekniċi, l-oqfsa istituzzjonali u l-kapaċitajiet operazzjonali fil-ġlieda kontra l-kontrafazzjoni tal-euro, kemm fl-Istati Membri tal-UE kif ukoll f'pajjiżi terzi. Huwa ffaċilita b'suċċess in-networking u l-investigazzjonijiet kollaborattivi, u dan wassal għal kisbiet sinifikanti bħal investigazzjonijiet li rriżultaw fil-qbid ta' euro kontrafatti u ż-żarmar ta' organizzazzjonijiet kriminali.

Billi pprova taħriġ tekniku, seminars, skambji tal-persunal u studji, il-Programm kien ta' sostenn f'miżuri meħuda mill-Istati Membri, speċjalment fejn il-finanzjament nazzjonali jkun limitat. Il-Programm Pericles IV għalhekk iggarantixxa użu **effiċjenti** tar-riżorsi s'issa fil-kisba tal-outputs, ir-riżultati u l-impatti tal-Programm. Filwaqt li l-ispejjeż tal-ġestjoni huma komparattivament għoljin f'termini relattivi meta mqabbla ma' programmi simili, dan huwa prinċipalment dovut għall-baġit globali limitat tal-Programm. Is-sehem ġenerali tagħhom qed jonqos ukoll minħabba d-diġitalizzazzjoni, li jindika titjib ġenerali fl-effiċjenza. L-involvement mill-qrib tas-servizzi tal-Kummissjoni fil-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet, pereżempju bil-presidenza tal-laqgħat tal-Grupp ta' Esperti dwar l-kontrafazzjoni tal-Euro (ECEG, Euro Counterfeiting Expert Group), jiggarantixxi l-parteċipazzjoni u l-monitoraġġ effettiv tal-Istati Membri. Il-ġenerazzjoni Pericles IV tal-Programm tgħaddi minn evalwazzjonijiet interim u *ex post*, għalkemm minħabba d-daqs żgħir tiegħu u l-grad għoli ta' kontinwità matul diversi perjodi ta' programmazzjoni, il-kwistjoni tal-proporzjonalità ta' żewġ rekwiżiti ta' evalwazzjoni għal kull ċiklu ta' finanzjament meta mqabbel mal-baġit kumplessiv wasslet għas-suġġeriment biex fil-ġenerazzjoni li jmiss tal-programm tiġi sostitwita waħda miż-żewġ evalwazzjonijiet b'rapport ta' implimentazzjoni.

Barra minn hekk, il-Programm jinstab li huwa **komplementari u koerenti** kif relatat ma' inizjattivi meħuda minn istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni, bħall-BĊE, u l-Europol. Peress li l-inizjattivi tal-Istati Membri għandhom kamp ta' applikazzjoni limitat, il-Programm jimla dan id-distakk billi joffri azzjonijiet multinazzjonali u multidixxiplinari li jipprovdu għarfien espert u jrawmu l-bini ta' relazzjonijiet fost l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi. Tabilħaqq, il-

Programm jipprovd **valur miżjud sinifikanti tal-UE** billi jistabbilixxi u jsaħħaħ ir-relazzjonijiet u l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-organizzazzjonijiet internazzjonali li jmorru lil hinn minn dak li jistgħu jagħmlu l-awtoritajiet nazzjonali individwali.

Il-Programm Pericles IV għadu wkoll **rilevanti** ħafna u adatta għat-theddid li qed jevolvi. Hija meħtieġa attenzjoni kostanti biex jiġi miġġieled it-theddid emerġenti ta' ffalsifikar u biex jiġi żgurat li l-għadd ta' euro ffalsifikati identifikati jibqa' kemm taħt kontroll kif ukoll f'livelli baxxi: sakemm jintużaw il-flus kontanti, jibqa' jeżisti r-riskju maħluq mill-flus foloz. It-theddid attwali li l-programm li se jsir se jkollu jindirizza jinkludi d-distribuzzjoni ta' elementi ffalsifikati u komponenti ta' kwalità għolja fuq l-internet/id-darknet, kif ukoll il-ġlieda kontra l-karti qishom tal-flus u prodotti li jimitaw il-flus li jintużaw fil-films. Dan jinkludi wkoll theddid potenzjali relatat mal-euro diġitali li għad ikun hemm fil-futur u l-impatt tal-Intelliġenza Artifiċjali fuq il-produzzjoni u l-identifikazzjoni tal-flus kontraffatti. Fl-aħħar nett, l-evalwazzjoni indikat li l-Programm jaħdem biex maż-żmien jiżgura **sostenibbiltà** tal-outputs tiegħu u l-progress futur lejn l-oġettivi tiegħu permezz tat-trasferiment tal-għarfien permezz ta' azzjonijiet ta' segwitu regolari u appoġġ kontinwu mill-Programm. Il-partijiet ikkonċernati qegħdin jindikaw li hemm theddid li qiegħed jevolvi u hemm livell ta' tibdil fil-persunal fi ħdan l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u qed jenfasizzaw il-ħtieġa li jkun hemm taħriġ ripetut kull sentejn (2) jew tlieta (3), ħaġa li tafferma l-importanza li l-programm jitkompla b'kamp ta' applikazzjoni simili.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-proposti għall-programmi tal-UE taħt il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss kienu preċeduti minn seba' konsultazzjonijiet pubbliċi⁵, b'mod partikolari dwar il-finanzjament tal-UE għas-suq uniku, u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali; Finanzjament tal-UE għall-kompetittività; jew l-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE mal-Istati Membri u r-reġjuni. Il-konsultazzjonijiet kienu mmirati lejn firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, inklużi ċ-ċittadini, in-negozji, l-SMEs, l-awtoritajiet pubbliċi, ir-riċevituri tal-finanzjament tal-UE, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-dinja akkademika, u l-partijiet ikkonċernati internazzjonali.

Dawn il-konsultazzjonijiet jikkorroboraw il-ħtieġa li jsiru investimenti simplifikati fil-kompetittività tal-UE u s-suq uniku fil-livell tal-UE, inkluż permezz ta' kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali. Juru li hemm qbil ċar fost il-partijiet ikkonċernati ewlenin li s-suq uniku jissaħħaħ permezz tal-ottimizzazzjoni tal-kapaċitajiet tekniċi u amministrattivi għall-Istati Membri; li l-awtoritajiet nazzjonali, iċ-ċittadini, il-konsumaturi u n-negozji jiġu abilitati meta jingħalqu l-lakuni fl-għarfien u fid-data; jew li l-indirizzar tal-isfidi transnazzjonali u l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni transfruntiera huma oqsma b'valur miżjud ċar tal-UE.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

F'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti mir-Regolament Finanzjarju tal-UE⁶ u l-linji gwida għal regolamentazzjoni aħjar⁷, il-programmi li jipprovd kontinwità fir-rigward tal-kontenut u l-

⁵ Jekk jogħġbok ara l-link li ġej: https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/14525-EUs-next-long-term-budget-MFF-EU-funding-for-the-single-market-and-cooperation-between-national-authorities_en

⁶ Il-Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għall-Baġit, *ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024, <https://data.europa.eu/doi/10.2761/686790>

istruttura jew li għandhom baġit relattivament żgħir, ma jeħtiġux valutazzjoni tal-impatt iżda pjuttost evalwazzjoni *ex ante* fil-forma ta' Dokument ta' Ħidma tal-Persunal. L-evalwazzjoni *ex ante* SWD (SWD(...)) li takkumpanja din il-proposta tissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolamentazzjoni Aħjar. Hija tivvaluta li l-kontinwazzjoni tal-programm Pericles tiżgura li huwa jibqa' effettiv fil-protezzjoni tal-euro kontra l-kontrafazzjoni u l-frodi relatata mal-kontrafazzjoni, b'mod partikolari billi jiġu żgurati azzjonijiet diretti mmirati tal-Kummissjoni li jikkomplementaw l-azzjonijiet tal-Istati Membri, u ssostni l-effetti fit-tul tal-programm kif ikkonfermat mill-evalwazzjoni interim tagħha. Il-valur miżjud ta' livell għoli tal-UE tal-programm huwa derivat mill-attenzjoni unika tiegħu, riflessa fil-bażi ġuridika tiegħu fl-Artikolu 133 tat-TFUE, li flimkien mat-transnazzjonalità u l-multidixxiplinarjetà tiegħu jagħmluh jispikka fir-rigward ta' programmi oħra tal-UE u modi ta' azzjoni nazzjonali. Barra minn hekk, hekk kif il-Kummissjoni hija inkarigata kemm mill-ġestjoni diretta tal-programm kif ukoll mit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-UE għall-protezzjoni tal-euro, dan jiggarrantixxi l-kisba effettiva tal-oġettivi tal-programm, peress li jorbot il-leġiżlazzjoni u l-politika mal-implimentazzjoni tal-programm.

Il-kontinwazzjoni tal-programm ta' bħalissa b'pakkett imkabbar tkun tiggarantixxi li dan jibqa' effettiv, billi jiġu żgurati azzjonijiet diretti mmirati tal-Kummissjoni li jikkomplementaw azzjonijiet mill-Istati Membri, u tkun issostni l-effetti fit-tul tal-programm kif ikkonfermat mill-evalwazzjoni interim tagħha. Iż-żieda fil-baġit x'aktarx tirriżulta f'għadd akbar ta' azzjonijiet implimentati u ta' parteċipanti fl-azzjonijiet meta mqabbel mal-perjodu tal-programm Pericles IV. B'hekk tiżgura t-twettiq tal-oġettivi tal-Programm billi tipproteġi l-euro kontra l-kontrafazzjoni u l-frodi relatata mal-kontrafazzjoni, tiżgura qafas aġġornat għad-detezzjoni tal-kontrafazzjoni tal-euro, tadatta għat-theddid futur u li qed jevolvi, tistabbilixxi u ssostni network ta' esperti effettiv u mħarreġ sew kontra l-kontrafazzjoni.

- **Simplifikazzjoni**

L-implimentazzjoni finanzjarja ta' Pericles se tkompli tiġi ssimplifikata permezz ta' użu akbar ta' għażliet ta' spejjeż simplifikati għall-ġotjiet li jnaqqsu l-piż amministrattiv għall-applikanti għall-programm.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta hija konformi mal-valuri tal-Unjoni minqax fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u d-drittijiet fundamentali minqax fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta), u tirrispettahom, fejn l-oġettivi tal-inizjattiva proposta huma marbuta mal-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-applikazzjoni tal-Karta. Pereżempju, il-proposta tippromwovi l-libertà ta' intrapriża billi tiggarantixxi l-użu sikur tal-munita unika tal-Unjoni bħala metodu ta' pagament.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tipproponi li talloka pakkett finanzjarju indikattiv ta' EUR 7 000 000 (fi prezzijiet attwali) għall-programm għall-2028-2034⁸. L-impatt finanzjarju stmat dettaljat ta' din il-proposta huwa ppreżentat fid-dikjarazzjoni finanzjarja u diġitali leġiżlattiva meħmuża ma' din il-proposta.

2025/0258 (COD)

⁷ SWD(2021) 305 final

⁸ Daħħal ir-referenza meta tkun disponibbli.

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-kontrafazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-programm "Pericles V"), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 2021/840

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew⁹,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-Unjoni u l-Istati Membri ntrabtu bl-oġettiv li jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa għall-użu tal-euro bħala munita unika. Dawk il-miżuri jinkludu l-protezzjoni tal-euro kontra l-kontrafazzjoni u l-frodi relatata mal-kontrafazzjoni, biex b'hekk tissaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini u n-negozji fil-ġenwinità tal-euro u għalhekk jikkontribwixxu biex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tal-euro, tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà fiskali u finanzjarja fl-UE u jitrawwem l-użu internazzjonali tal-munita unika tal-Unjoni għall-kummerċ, is-servizzi finanzjarji u l-investment.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001¹⁰ jipprevedi skambji ta' informazzjoni, koperazzjoni u assistenza reċiproka, u b'hekk jistabbilixxi qafas armonizzat għall-protezzjoni tal-euro. L-effetti ta' dan ir-Regolament kienu estenzi bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1339/2001¹¹ għal dawk l-Istati Membri li m'adottawx l-euro bħala l-munita unika tagħhom, sabiex jiġi pprovdut livell ta' protezzjoni ekwivalenti tal-euro madwar l-Unjoni.
- (3) Fl-imgħoddi, l-appoġġ għal tali azzjonijiet, permezz tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/923/KE¹² u 2001/924/KE¹³, li stabbilew l-ewwel programm Pericles u li

⁹ ĠU C , , ELI: p. .

¹⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001 tat-28 ta' Ġunju 2001 li jistabbilixxi miżuri neċessarji għall-protezzjoni mill-kontrafazzjoni tal-euro (ĠU L 181, 4.7.2001, p. 6, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2001/1338/oj>).

¹¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1339/2001 tat-28 ta' Ġunju 2001 li jestendi l-effetti tar-Regolament (KE) Nru 1338/2001, li jistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-protezzjoni tal-euro mill-kontrafazzjoni għal dawk l-Istati Membri li m'adottawx l-euro bħala l-munita unika tagħhom (ĠU L 181, 4.7.2001, p. 11, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2001/1338/oj>).

¹² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/923/KE tas-17 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-kontrafazzjoni (il-programm Pericles) (ĠU L 339, 21.12.2001, p. 50, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2001/923/oj>).

¹³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/924/KE tas-17 ta' Diċembru 2001 li testendi l-effetti tad-Deċiżjoni li tistabbilixxi skambju, għajjnuna u programm ta' taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-kontrafazzjoni

sussegwentement kienu ġew emendati u estiżi bid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2006/75/KE, 2006/76/KE, 2006/849/KE, 2006/850/KE u r-Regolament (UE) Nru 331/2014¹⁴ u (UE) 2021/840 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵, tejbu l-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni tal-euro kontra l-kontrafazzjoni. Permezz ta' dawn l-atti differenti, il-programm Pericles ikkontribwixxa b'suċċess għall-iżgurar tal-protezzjoni tal-euro kontra l-kontrafazzjoni.

- (4) F'dak ir-rigward, fil-Komunikazzjoni tagħha dwar ir-riżultati tal-evalwazzjoni interim tal-programm Pericles IV¹⁶, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-istruttura preżenti ta' implimentazzjoni tal-programm Pericles IV hija ġeneralment effettiva, effiċjenti u sostenibbli u tibqa' rilevanti fl-adattament għat-theddid li qed jevolvi. Il-programm Pericles IV jindirizza lakuna kritika f'ħafna Stati Membri, fejn ir-riżorsi għall-organizzazzjoni ta' taħriġ internazzjonali u multidixxiplinari dwar l-kontrafazzjoni tal-euro spiss ikunu limitati. Billi jipprovdi appoġġ immirat, il-programm isaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tiġġieled kontra l-kontrafazzjoni tal-euro u jappoġġa l-iżvilupp ta' relazzjonijiet, networks u sforzi ta' kooperazzjoni transnazzjonali ġodda. Għalhekk, il-programm Pericles jenħtieġ li jkompli wara l-2028.
- (5) Il-protezzjoni tal-munita unika Ewropea bħala ġid pubbliku għandha dimensjoni transnazzjonali ċara, u għalhekk il-protezzjoni tal-euro tmur lil hinn mill-interessi u r-responsabbiltà tal-Istati Membri individwali. Meta wieħed iqis iċ-ċirkolazzjoni transfruntiera tal-euro u l-involvement profond tal-kriminalità organizzata internazzjonali fil-kontrafazzjoni tal-euro, l-oqfsa ta' protezzjoni nazzjonali jenħtieġ li jiġu kkumpliementati b'inizjattiva tal-Unjoni li tiżgura kooperazzjoni nazzjonali u internazzjonali omoġenja, u li tiffaċċja r-riskji transnazzjonali emerġenti possibbli. Għalhekk, billi jistabbilixxi l-programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-kontrafazzjoni, dan ir-Regolament huwa meħtieġ, xieraq u adatt biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Programm. Jenħtieġ li l-Programm isaħħaħ b'mod effiċjenti l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, mingħajr ma jirrestrinġi l-kapaċità tal-Istati Membri li jipproteġu l-euro kontra l-kontrafazzjoni. L-azzjoni fil-livell tal-Unjoni hija ġġustifikata billi tgħin b'mod ċar lill-Istati Membri biex kollettivament jipproteġu l-euro u tinkoraġġixxi l-użu ta' strutturi komuni tal-Unjoni sabiex jiżdiedu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti.
- (6) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju indikattiv għall-programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-kontrafazzjoni (il-programm "Pericles V"). Għall-fini ta' dan ir-Regolament, il-prezzijiet attwali jiġu kkalkulati bl-applikazzjoni ta' deflatur fiss ta' 2 %.

(il-programm "Pericles") għall-Istati Membri li għadhom m'addotawx l-euro bħala l-munita unika ([ĠU L 339, 21.12.2001, p. 55](#), ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2001/924/oj>).

¹⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 331/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-kontrafazzjoni (il-programm "Pericles 2020") u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/923/KE, 2001/924/KE, 2006/75/KE, 2006/76/KE, 2006/849/KE u 2006/850/KE (ĠU L 103, 5.4.2014, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/331/oj>).

¹⁵ Ir-Regolament (UE) 2021/840 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-kontrafazzjoni għall-perjodu 2021-2027 (il-programm "Pericles IV"), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 331/2014 (ĠU L 186, 27.5.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/840/oj>).

¹⁶ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bank Ċentrali Ewropew dwar l-evalwazzjoni interim tal-Programm għall-iskambju, l-assistenza u t-taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-kontrafazzjoni ("il-Programm "Pericles IV"), COM(2025) 54 final.

- (7) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-hteġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi tal-infiq tal-Unjoni tiegħu li jkunu aktar flessibbli. Għal dak l-għan, u f'konformità mal-oġettivi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-finanzjament iqis kif jixraq il-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-politiki u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u fir-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew, filwaqt li tiġi żgurata prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit.
- (8) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷ japplika għall-Programm "Pericles V". Jistabbilixxi r-regoli dwar l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, inklużi r-regoli dwar l-għotjiet, il-premijiet, id-donazzjonijiet mhux finanzjarji, l-akkwist, il-ġestjoni indiretta, l-assistenza finanzjarja, l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji.
- (9) F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸, ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95¹⁹, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96²⁰ u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939²¹, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (Euratom) Nru 883/2013 u (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF, European Anti-Fraud Office) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u reati kriminali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²². F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-

¹⁷ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

¹⁸ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/883/oj>).

¹⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.95, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1995/2988/oj>).

²⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.96, p. 2, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1996/2185/oj>).

²¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1939/oj>).

²² Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2017/1371/oj>).

OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tiżgura li kull parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

- (10) Il-Programm għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 202X/XXXX li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit, inklużi regoli biex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tal-prinċipji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 rispettivament, regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, regoli għall-istabbiliment ta' portal ta' finanzjament tal-Unjoni, regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħra applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni bħal dawk dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà.
- (11) Skont l-Artikolu 85(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764²³, persuni u entitajiet stabbiliti f'pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej huma eliġibbli għal finanzjament skont il-Programm u soġġett għall-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li miegħu huwa marbut il-pajjiż jew it-territorju ekstra-Ewropew rilevanti.
- (12) L-azzjonijiet eliġibbli għall-finanzjament, li għandhom l-għan li jippromwovu l-iskambji ta' informazzjoni u ta' persunal, l-assistenza teknika u xjentifika u t-taħriġ speċjalizzat jgħinu b'mod sinifikanti biex jipproteġu l-munita unika tal-Unjoni kontra l-kontraffazzjoni u l-frodi relatata mal-kontraffazzjoni u għalhekk biex jintlaħaq livell għoli u ekwivalenti ta' protezzjoni madwar l-Unjoni, filwaqt li tintwera l-kapaċità tal-Unjoni li tindirizza l-kriminalità organizzata serja. Sabiex il-Programm jibqa' validu fil-futur, hemm bżonn li jinżamm il-bilanċ bejn it-tipi differenti ta' azzjoni eliġibbli għall-finanzjament, u l-ħtieġa li tinżamm l-attenzjoni tiegħu fuq it-theddid attwali u emerġenti, inklużi karti tal-flus b'disinn mibdul u d-distribuzzjoni ta' kontraffazzjonijiet permezz tal-internet. Jenħtieġ li l-azzjonijiet eliġibbli jkopru wkoll żviluppi futuri potenzjali, bħal theddid potenzjali għall-euro diġitali futur, u theddid potenzjali maħluġ mill-intelliġenza artifiċjali u opportunitajiet ta' investigazzjoni offriti minnha. Ix-xiri ta' tagħmir li għandu jintuża minn awtoritajiet speċjalizzati kontra l-kontraffazzjoni ta' pajjiżi terzi għall-protezzjoni tal-euro kontra l-kontraffazzjoni huwa wkoll vitali biex jipprovdi protezzjoni adegwata tal-euro f'pajjiżi terzi, iżda ix-xiri ta' tagħmir jenħtieġ li jkun akkumpanjat ukoll mit-taħriġ meħtieġ għall-użu tiegħu. Għalhekk, għal din it-tip ta' azzjoni, ix-xiri ta' tagħmir jenħtieġ li ma jkunx l-uniku komponent tal-azzjoni.
- (13) Sabiex jitqiesu l-aspetti transnazzjonali u multidixxiplinari tal-ġlieda kontra l-kontraffazzjoni, huwa meħtieġ bilanċ bejn il-varji gruppi fil-mira u l-parteċipanti differenti fl-azzjonijiet tal-Programm. Għalhekk, l-azzjonijiet kollha jenħtieġ li jkunu ta' natura transnazzjonali u multidixxiplinari, u jittieħdu flimkien mal-partijiet ikkonċernati tradizzjonali bħall-forzi tal-infurzar tal-liġi u l-banek ċentrali nazzjonali, ikun ukoll ta' ġid li l-ġudikatura, id-dwana u s-servizzi tal-pakketti u tal-konsenja jkunu involuti aktar fl-azzjonijiet tal-programm bħala parteċipanti,
- (14) Il-programm jissostitwixxi l-programm stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/840 għall-2021 sal-2027. Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2021/840 jenħtieġ li jitħassar.

²³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764 tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u t-Territorji ekstra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea inkluż ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea minn naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra (Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni ekstra-Ewropea, inkluż Greenland) (ĠU L 355, 7.10.2021, p. 6, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2021/1764/oj>).

- (15) Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel mingħajr interruzzjoni bejn il-programm Pericles IV u l-programm Pericles V, huwa xieraq li d-durata tal-programm Pericles V tiġi allinjata mal-perjodu ta' applikazzjoni [referenza għar-Regolament QFP ta' wara l-2027] ir-Regolament (UE, Euratom).../20xx[?]]. Għaldaqstant, il-Programm Pericles V jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2028,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu [1]

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-kontrafazzjoni (il-programm "Pericles V") ("il-Programm") u jistabbilixxi l-oġġettivi tal-Programm, il-baġit tiegħu għall-perjodu 2028-2034, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' tali finanzjament.

Artikolu [2]

Oġġettivi tal-programm

1. L-oġġettiv ġenerali tal-Programm huwa l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kontrafazzjoni u l-frodi relatata mal-kontrafazzjoni u biex tiġi ppreservata l-integrità tal-euro, u b'hekk tissaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini u tan-negozji fil-ġenwinità tal-euro u għalhekk jikkontribwixxu biex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tal-euro, tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà fiskali u finanzjarja fl-Unjoni u jitravwem l-użu internazzjonali tal-euro għall-kummerċ, is-servizzi finanzjarji u l-investment.
2. Il-programm għandu l-oġġettiv speċifiku li jipproteġi l-euro kontra l-kontrafazzjoni u l-frodi relatata mal-kontrafazzjoni, filwaqt li jqis ukoll l-iżviluppi futuri potenzjali, bħat-theddid potenzjali għall-euro diġitali futur, u t-theddid potenzjali kkawżat mill-intelliġenza artifiċjali u l-oportunitajiet ta' investigazzjoni offruti minnha. Dan jagħmlu billi jappoġġa u jissupplimenta l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u jassisti lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u tal-Unjoni fl-isforzi tagħhom sabiex jiżviluppaw bejniethom u mal-Kummissjoni kooperazzjoni mill-qrib u regolari u skambju tal-aħjar prattiki, bl-inklużjoni, fejn xieraq, ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Artikolu [3]

Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2028-2034 hu stabbilit għal EUR 7 000 000 fi prezzijiet attwali.
2. L-appropriazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit tal-Unjoni lil hinn mill-2034 biex ikopru l-ispejjeż meħtieġa u biex jippermettu l-ġestjoni ta' azzjonijiet li ma jkunux tlestew sa tmiem il-Programm.

3. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ammonti tar-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 4 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet preparatorji, tal-monitoraġġ, tal-kontroll, tal-awditjar u tal-evalwazzjoni, sistemi u pjattaformi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, informazzjoni, attivitajiet ta' viżibbiltà u komunikazzjoni, inkluż komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, u kull assistenza teknika u amministrattiva oħra jew spejjeż relatati mal-persunal imġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm.

Artikolu [4]

Riżorsi addizzjonali

1. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew partijiet terzi oħra, jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet finanzjarji jew mhux finanzjarji addizzjonali għall-Programm. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2), il-punti (a), (d), jew (e) jew l-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.
2. Riżorsi allokat li lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq it-talba tagħhom, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Programm. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament jew indirettament f'konformità mal-Artikolu 62(1)(a) jew (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Dawn għandhom jik�diedu mal-ammont imsemmi fl-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx daħlet f'impenn legali taħt ġestjoni diretta jew indiretta għal ammonti addizzjonali magħmula disponibbli b'dan il-mod għall-Programm, l-ammonti mhux impenjati korrispondenti jistgħu, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, jiġu ttrasferiti lura għal programm sors rispettiv wieħed jew aktar jew is-suċċessuri tagħhom.

Artikolu [5]

Finanzjament alternattiv, ikkombinat u kumulattiv

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni. Anki azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' tirċievi kontribuzzjoni taħt il-Programm. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew inkella jista' jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż impenn legali wieħed. Jekk il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tkun ibbażata fuq il-kostijiet eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat fuq bażi *pro rata* f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.
2. Il-proċeduri ta' għoti skont il-Programm jistgħu jsiru b'mod konġunt b'ġestjoni diretta jew indiretta ma' Stati Membri, istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew partijiet terzi oħra, diment li tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Tali proċeduri għandhom ikunu soġġetti għal sett

uniku ta' regoli u jwasslu għall-konklużjoni ta' impenn legali uniku. Għal dak l-għan, is-sħab għall-proċedura ta' għoti konġunt jistgħu jagħmlu r-riżorsi disponibbli għall-Programm f'konformità mal-Artikolu [5] ta' dan ir-Regolament, jew is-sħab jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' għoti, fejn applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Fi proċeduri ta' għoti konġunti, ir-rappreżentanti tas-sħab tal-proċedura ta' għoti konġunta jistgħu jkunu wkoll membri tal-kumitat tal-evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

Artikolu [6]

Pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm

1. Il-Programm jista' jinfetħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali, f'konformità mal-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 2 u f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jew kwalunkwe deċiżjoni adottata fil-qafas ta' daww il-ftehimiet u applikabbli għal:
 - (a) il-membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, kif ukoll mikrostat Ewropej;
 - (b) il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u daww kandidati potenzjali
 - (c) il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat;
 - (d) pajjiżi terzi oħra.
2. Il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni għall-parteċipazzjoni fil-Programm:
 - (a) għandhom jiżguraw bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pajjiżi terzi li jkun qed jipparteċipa fil-Programm;
 - (b) għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-Programm, inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji, li jikkonsistu f'kontribuzzjoni operazzjonali u tariffa ta' parteċipazzjoni, għal programm u l-kostijiet amministrattivi ġenerali tiegħu;
 - (c) ma għandhomx jagħtu lill-pajjiżi terzi xi setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-Programm;
 - (d) għandhom jiggarantixxu d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u li tħares l-interessi finanzjarji tagħha;
 - (e) għandhom, fejn rilevanti, jiżguraw il-protezzjoni tas-sigurtà u l-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (d), il-pajjiżi terzi għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa skont ir-Regolamenti (UE, Euratom) 2024/2509 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, u jiggarantixxi li d-deċiżjonijiet ta' infurzar li jimponu obbligu pekunarju abbażi tal-Artikolu 299 TFUE, kif ukoll is-sentenzi u l-ordnijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ikunu infurzabbli.

Artikolu [7]

Implimentazzjoni u forom ta' finanzjament tal-Unjoni

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, taħt ġestjoni diretta jew taħt ġestjoni indiretta mal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 62(1)(c) ta' dak ir-Regolament.
2. Il-finanzjament mill-Unjoni jista' jingħata fi kwalunkwe forma f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet, akkwist, u donazzjonijiet mhux finanzjarji.
3. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, il-finanzjament għandu jingħata bħala finanzjament mhux marbut mal-kostijiet jew, fejn meħtieġ, għażliet ta' kostijiet issimplifikati, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-finanzjament jista' jingħata fil-forma ta' rimborż reali tal-kost eliġibbli, meta l-oġettivi ta' azzjoni ma jkunux jistgħu jintlaħqu mod ieħor biss.

Artikolu [8]

Eliġibbiltà

1. Għandhom jiġu stabbiliti kriterji tal-eliġibbiltà biex jgħinu fl-ilħuq tal-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u dawn għandhom japplikaw għall-proċeduri ta' aġġudikazzjoni kollha skont il-Programm.
2. Fi proċeduri ta' aġġudikazzjoni taħt ġestjoni diretta u indiretta, waħda jew aktar mill-entitajiet ġuridiċi li ġejjin jistgħu jkunu eliġibbli li jirċievu finanzjament mill-Unjoni, jekk dawk l-entitajiet jinħatru bħala l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (b), tar-Regolament (KE) Nru 1338/2001:
 - (a) l-entitajiet stabbiliti fi Stat Membru;
 - (b) entitajiet stabbiliti f'pajjiż terz assoċjat;
 - (c) l-organizzazzjonijiet internazzjonali;
 - (d) entitajiet oħra stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati, meta l-finanzjament ta' tali entitajiet ikun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-azzjoni u jikkontribwixxi għall-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.
3. Minbarra l-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-pajjiżi terzi assoċjati msemmija fl-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament jistgħu, meta jkun rilevanti, jipparteċipaw fi kwalunkwe mekkaniżmu tal-akkwist stabbilit fl-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u jibbenefikaw minnu. Ir-regoli applikabbli għall-Istati Membri għandhom jiġu applikati, *mutatis mutandis*, għall-pajjiżi terzi assoċjati parteċipanti.
4. Il-proċeduri tal-ġhoti li jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tal-assi u tal-interessi strateġiċi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, għandhom ikunu ristretti f'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.
5. L-azzjonijiet li jistgħu jkunu eliġibbli għall-appoġġ taħt il-Programm jinkludu:
 - (a) skambji u disseminazzjoni ta' informazzjoni dwar is-suġġetti elenkati fl-Anness, b'mod partikolari permezz tal-organizzazzjoni ta' workshops,

laqgħat u seminars, inkluż taħriġ, traineeships immirati u skambji ta' persunal tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u azzjonijiet simili oħra;

- (b) assistenza teknika, xjentifika u operazzjonali meħtieġa, kif elenkat fl-Anness;
- (c) ix-xiri ta' tagħmir li għandu jintuża minn awtoritajiet ta' pajjiżi terzi speċjalizzati kontra l-kontrafazzjoni għall-protezzjoni tal-euro kontra l-kontrafazzjoni.

L-azzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (c), għandhom jiġu implimentati esklużivament permezz ta' għotjiet u x-xiri ta' tagħmir ma għandux ikun l-uniku komponent tal-ftehim ta' għotja.

- 6. Kwalunkwe Azzjoni ffinanzjata mill-Programm għandha tinkludi l-parteċipazzjoni ta' trainers u/jew trainees minn mill-inqas żewġ Stati Membri u/jew pajjiżi terzi, u minn tal-anqas tnejn mill-gruppi professjonali elenkati fl-Anness.
- 7. Il-gruppi professjonali msemmija fil-paragrafu 6 jistgħu jinkludu esperti u parteċipanti minn pajjiżi terzi.
- 8. L-entitajiet eliġibbli għall-finanzjament skont il-Programm għandhom ikunu l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt b, tar-Regolament (KE) Nru 1338/2001. F'każijiet fejn il-programm ikun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament, dawk l-awtoritajiet li jinħatru bħala l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (b), tar-Regolament (KE) Nru 1338/2001 minn dawk il-pajjiżi terzi għandhom jitqiesu wkoll bħala eliġibbli għall-finanzjament.
- 9. Il-proċeduri ta' aġġudikazzjoni għall-għotjiet jew għal partijiet minnhom, li diġà jkunu ffinanzjati kompletament minn sorsi pubbliċi jew privati oħra, bl-eċċezzjoni ta' kontribuzzjonijiet mill-Unjoni fil-kuntest tal-azzjonijiet ta' sinerġija msemmija fl-Artikolu 5, ma għandhomx ikunu eliġibbli għal finanzjament.
- 10. Il-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 jista' jkompli jispeċifika l-kriterji tal-eliġibbiltà stabbiliti f'dan ir-Regolament jew jistabbilixxi kriterji tal-eliġibbiltà addizzjonali għal azzjonijiet speċifiċi.

Artikolu [9]

Programm ta' ħidma

Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

Artikolu [10]

Tħassir

Ir-Regolament (UE) 2021/840 jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2028.

Artikolu [11]

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa t-tkomplija jew il-modifika tal-azzjonijiet ikkonċernati, sal-għeluq tagħhom, skont ir-Regolament (UE) 840/2021, li għandu jkompli japplika għall-azzjonijiet ikkonċernati sal-għeluq tagħhom.
2. Il-pakkett finanzjarju għall-Programm jista' jkopri wkoll l-ispejjeż tal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-Programm u l-miżuri adottati skont ir-Regolament (UE) Nru 2021/840.

Artikolu [12]

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2028.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

1.	QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ³	
1.1.	Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva	3
1.2.	Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)	3
1.3.	Objettiv(i).....	3
1.3.1.	Objettiv(i) ġenerali	3
1.3.2.	Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi.....	3
1.3.3.	Riżultat(i) u impatt mistennija	3
1.3.4.	Indikaturi tal-prestazzjoni	3
1.4.	Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':	4
1.5.	Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva.....	4
1.5.1.	Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva	4
1.5.2.	Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsim, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom.	4
1.5.3.	Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi.....	4
1.5.4.	Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra.....	5
1.5.5.	Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni	5
1.6.	Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha.....	6
1.7.	Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i).....	6
2.	MIŻURI TA' ĠESTJONI	8
2.1.	Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar.....	8
2.2.	Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll	8
2.2.1.	Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta	8
2.2.2.	Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom	8
2.2.3.	Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq).....	8
2.3.	Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet.....	9
3.	IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA.....	10

3.1.	Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.....	10
3.2.	Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet	12
3.2.1.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali	12
3.2.1,1.	Appropriazzjonijiet mill-baġit ivvutat	12
3.2.1,2.	Appropriazzjonijiet minn dħul assenjat estern	17
3.2.2.	Output stmat ifffinanzjat minn appropriazzjonijiet operazzjonali.....	22
3.2.3.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi	24
3.2.3,1.	Appropriazzjonijiet mill-baġit ivvutat.....	24
3.2.3,2.	Appropriazzjonijiet minn dħul assenjat estern	24
3.2.3,3.	Total tal-appropriazzjonijiet.....	24
3.2.4.	Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani	25
3.2.4,1.	Ifffinanzjati mill-baġit ivvutat	25
3.2.4,2.	Ifffinanzjati minn dħul assenjat estern	26
3.2.4,3.	Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani	26
3.2.5.	Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali	28
3.2.6.	Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali	28
3.2.7.	Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi.....	28
3.3.	Impatt stmat fuq id-dħul.....	29
4.	DIMENSIJONIJIET DIĠITALI	29
4.1.	Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali	30
4.2.	Data	30
4.3.	Soluzzjonijiet diġitali	31
4.4.	Valutazzjoni tal-interoperabbiltà.....	31
4.5.	Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali	32

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-programm Pericles V għall-perjodu 2028-2034.

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Protezzjoni tal-euro kontra l-kontraffazzjoni.

1.3. Objettiv(i)

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali

L-objettiv ġenerali tal-Programm huwa l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kontraffazzjoni u l-frodi relatata mal-kontraffazzjoni u biex tiġi ppreservata l-integrità tal-euro, u b'hekk tissaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini u tan-negozji fil-ġenwinità tal-euro u għalhekk jikkontribwixxu biex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tal-euro, tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà fiskali u finanzjarja fl-Unjoni u jitrawwem l-użu internazzjonali tal-euro għall-kummerċ, is-servizzi finanzjarji u l-investment.

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Il-Programm għandu l-għan speċifiku li ġej: li jipproteġi l-euro kontra l-kontraffazzjoni u l-frodi relatata mal-kontraffazzjoni, filwaqt li jqis ukoll l-iżviluppi futuri potenzjali, bħat-theddid potenzjali għall-euro diġitali futur, u t-theddid potenzjali kkawżat mill-Intelliġenza Artifiċjali u l-opportunitajiet ta' investigazzjoni offruti minnha. Dan jagħmlu billi jappoġġa u jissupplimenta l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u jassisti lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u tal-Unjoni fl-isforzi tagħhom sabiex jiżviluppaw bejniethom u mal-Kummissjoni kooperazzjoni mill-qrib u regolari u skambju tal-aħjar prattiki, bl-inklużjoni, fejn xieraq, ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Il-programmi Pericles se jgħin lill-benefiċjarji – l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri – fil-ħidma tagħhom ta' protezzjoni tal-euro kontra l-kontraffazzjoni u l-frodi relatata mal-kontraffazzjoni permezz tat-taħriġ, l-iskambju tal-aħjar prassi u t-trawwim tal-għarfien. Il-gruppi fil-mira għall-azzjoni tal-programm se jkunu l-membri kollha tal-persunal fis-settur pubbliku u dak privat li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tal-euro.

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Din l-inizjattiva se tiġi mmonitorjata permezz tal-qafas għall-prestazzjoni għall-baġit ta' wara l-2027, li huwa mifli fi proposta separata. Il-qafas ta' prestazzjoni jipprevedi rapport tal-implimentazzjoni matul il-fażi ta' implimentazzjoni tal-programm, kif ukoll evalwazzjoni retrospettiva li għandha titwettaq f'konformità mal-Artikolu 34(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. L-evalwazzjoni għandha titwettaq f'konformità mal-Linji Gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar u se tkun ibbażata fuq indikaturi rilevanti għall-objettivi tal-programm.

L-indikaturi tal-output u tar-riżultati għall-fini tal-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet ta' dan il-Programm se jikkorrispondu għall-indikaturi komuni pprovduti skont ir-Regolament xxx [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni Orizzontali].

1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

- ☐ azzjoni ġdida
- ☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja²⁴
- ☒ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti
- ☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

L-euro huwa, bħala l-munita unika tal-Unjoni, ta' interess Ewropew ewlieni, li l-integrità tiegħu jeħtieġ li tkun protetta fid-dimensjonijiet kollha tagħha. Għad hemm theddid sostanzjali ta' falsifikazzjoni. Minkejja li l-għadd medju ta' karti tal-flus kontrafatti tal-euro identifikati kull sena għadu taħt kontroll, hija meħtieġa viġilanza kontinwa, kif muri mill-preżenza dejjem akbar ta' euros kontrafatti u karatteristiċi ta' sigurtà fuq l-internet/id-darknet li jkunu ta' kwalità tajba, l-emerġenza ta' karti tal-flus bid-disinn mibdul, u l-eżistenza ta' hotspots ta' kontrafazzjoni sew fi ħdan kif ukoll barra mill-UE. Barra minn hekk, il-flus kontanti tal-euro għadhom jintużaw b'mod wiesa' fl-UE biswit mezzi elettroniċi ta' pagament, u għalhekk hi meħtieġa protezzjoni kontinwa kontra l-kontrafazzjoni tal-munita unika. Il-flus foloz huma ta' ħsara għaċ-ċittadini u n-negozji li ma jingħatawx rimborż għall-flus foloz, anki jekk dawn ikunu rċevewhom mingħajr qerq min-naħa tagħhom. B'mod aktar ġenerali, iħallu impatt fuq l-istatus tal-valuta legali u fuq il-fiduċja taċ-ċittadini u n-negozji f'karti u muniti tal-euro ġenwini.

Peress li l-protezzjoni tal-euro kontra l-kontrafazzjoni tirrekjedi attenzjoni kontinwa, l-implimentazzjoni tal-inizjattiva se ssir fuq bażi kontinwa, permezz ta' għotjiet apposta u azzjonijiet b'offerta.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsim, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Il-protezzjoni tal-munita unika Ewropea bħala ġid pubbliku għandha dimensiuni transnazzjonali ċara, u għalhekk il-protezzjoni tal-euro tmur lil hinn mill-interessi u r-responsabbiltà tal-Istati Membri individwali tal-UE. Meta wieħed iqis iċ-ċirkolazzjoni transfruntiera tal-euro u l-involviment profond tal-kriminalità organizzata internazzjonali fil-kontrafazzjoni tal-euro (il-produzzjoni u d-distribuzzjoni), l-oqfsa ta' protezzjoni nazzjonali jeħtieġu li jiġu kkumplimentati b'inizjattiva tal-UE li tiżgura kooperazzjoni nazzjonali u internazzjonali omoġenja, u li tiffaċċja r-riskji transnazzjonali emerġenti possibbli.

. Billi jipprovdi appoġġ immirat, il-Programm isaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tiġġieled kontra l-kontrafazzjoni tal-euro. Jekk ma jkunx hemm il-Programm, dan ikollu

²⁴

Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

impatt fuq l-inizjattivi li għaddejjin bħalissa u jfixkel l-iżvilupp ta' relazzjonijiet u networks ġodda, u b'hekk jimpedixxi l-isforzi ta' kooperazzjoni transnazzjonali.

Valur miżjud għall-UE li mistenni jiġi ġġenerat

Il-Programm joffri valur miżjud sinifikanti tal-UE billi jistabbilixxi u jsaħħaħ ir-relazzjonijiet u l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u l-organizzazzjonijiet internazzjonali li ma jistgħux jintlaħqu mill-awtoritajiet nazzjonali individwali, bħall-istabbiliment ta' relazzjoni koordinata mal-awtoritajiet Ċiniżi biex jiġi miġġieled it-theddid bħad-distribuzzjoni ta' ologrammi kontrafatti tal-euro, u l-inkoraġġiment ta' strateġija komuni tal-UE biex jiġi miġġieled it-theddid ikkawżat minn karti tal-flus bid-disinn mibdul.

Billi jipprovdi appoġġ immirat, il-Programm isaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tiġġieled kontra l-kontrafazzjoni tal-euro. Jekk ma jkunx hemm il-Programm, dan ikollu impatt fuq l-inizjattivi li għaddejjin bħalissa u jfixkel l-iżvilupp ta' relazzjonijiet u networks ġodda, u b'hekk jimpedixxi l-isforzi ta' kooperazzjoni transnazzjonali.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġhod*

F'nofs it-terminu tal-programm Pericles IV, fl-2024, saret evalwazzjoni ta' nofs it-terminu skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 2021/840. L-evalwazzjoni tikkonkludi li l-Programm Pericles IV qed jilħaq l-oġettiv tiegħu li jikkontribwixxi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kontrafazzjoni tal-euro, u b'hekk jippreserva l-integrità tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro.

Il-Programm ġeneralment wera li huwa effettiv fit-titjib tal-iskambju ta' informazzjoni, il-ħiliet tekniċi, l-oqfsa istituzzjonali u l-kapaċitajiet operazzjonali fil-ġlieda kontra l-kontrafazzjoni tal-euro, kemm fl-Istati Membri tal-UE kif ukoll f'pajjiżi mhux tal-UE. Huwa ffaċilita b'suċċess in-networking u l-investigazzjonijiet kollaborattivi, u dan wassal għal kisbiet sinifikanti bħal investigazzjonijiet li rriżultaw fil-qbid ta' euro kontrafatti u ż-żarmar ta' organizzazzjonijiet kriminali.

Skont l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-programm Pericles IV, dan jindirizza lakuna kritika f'ħafna Stati Membri, fejn ir-riżorsi għall-organizzazzjoni ta' taħriġ internazzjonali u multidixxiplinari dwar l-kontrafazzjoni tal-euro spiss ikunu limitati. Billi pprovda taħriġ tekniku, seminars, skambji tal-persunal u studji, il-Programm kien ta' sostenn f'miżuri meħuda mill-Istati Membri, speċjalment fejn il-finanzjament nazzjonali jkun limitat. Il-Programm Pericles IV għalhekk żgura użu effiċjenti tar-riżorsi sa issa fil-kisba tal-outputs, ir-riżultati u l-impatti tal-Programm. Filwaqt li l-ispejjeż tal-ġestjoni huma komparattivament għoljin f'termini relattivi meta mqabbla ma' programmi simili, dan huwa prinċipalment dovut għall-baġit globali limitat tal-Programm. Is-sehem ġenerali tagħhom qed jonqos ukoll minħabba d-diġitalizzazzjoni, li jindika titjib ġenerali fl-effiċjenza. L-involvement mill-qrib tas-servizzi tal-Kummissjoni fil-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet, pereżempju bil-presidenza tal-laqgħat tal-Grupp ta' Esperti dwar l-kontrafazzjoni tal-Euro (ECEG, Euro Counterfeiting Expert Group), jiggarantixxi l-parteċipazzjoni u l-monitoraġġ effettiv tal-Istati Membri. Il-ġenerazzjoni Pericles IV tal-Programm tgħaddi minn evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu kif ukoll *ex post*, għalkemm minħabba d-daqs żgħir tiegħu u l-grad għoli ta' kontinwità matul diversi perjodi ta' programmazzjoni, il-kwistjoni tal-proporzjonalità ta' żewġ rekwiżiti ta' evalwazzjoni

għal kull ċiklu ta' finanzjament meta mqabbel mal-baġit kumplessiv wasslet għas-suġġeriment biex fil-ġenerazzjoni li jmiss tal-programm tiġi sostitwita waħda miż-żewġ evalwazzjonijiet b'rapport ta' implimentazzjoni.

Barra minn hekk, il-Programm jinstab li huwa komplementari u koerenti kif relatat ma' inizjattivi meħuda minn istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni, bħall-BĊE, u l-Europol. Peress li l-inizjattivi tal-Istati Membri għandhom kamp ta' applikazzjoni limitat, il-Programm jimla dan id-distakk billi joffri azzjonijiet multinazzjonali u multidixxiplinari li jipprovdu għarfien espert u jrawmu l-bini ta' relazzjonijiet fost l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi.

Il-programm Pericles IV għadu wkoll rilevanti ħafna u adatta għat-theddid li qed jevolvi. . Hija meħtieġa attenzjoni kostanti biex jiġi miġġieled it-theddid emerġenti ta' ffalsifikar u biex jiġi żgurat li l-għadd ta' euro ffalsifikati identifikati jibqa' kemm taħt kontroll kif ukoll f'livelli baxxi: sakemm jintużaw il-flus kontanti, ir-riskju maħluq mill-flus foloz jippersisti. It-theddid attwali li l-programm li se jsir se jkollu jindirizza jinkludi d-distribuzzjoni ta' elementi ffalsifikati u komponenti ta' kwalità għolja fuq l-internet/id-darknet, kif ukoll il-perikli ppreżentati minn karti li jimitaw il-karti tal-flus u prodotti oħra li jintużaw fil-films. Dan jinkludi wkoll theddid potenzjali relatat mal-euro diġitali li għad ikun hemm fil-futur u l-impatt tal-Intelliġenza Artifiċjali fuq il-produzzjoni u l-identifikazzjoni tal-flus kontraffatti. Fl-aħħar nett, l-evalwazzjoni indikat li l-Programm jaħdem biex maż-żmien jiżgura s-sostenibbiltà tal-outputs tiegħu u l-progress futur lejn l-oġettivi tiegħu permezz tat-trasferiment tal-għarfien bis-saħħa ta' azzjonijiet ta' segwitu regolari u appoġġ kontinwu mill-Programm. Il-partijiet ikkonċernati qegħdin jindikaw li hemm theddid li qiegħed jevolvi u hemm livell ta' tibdil fil-persunal fi ħdan l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u jenfasizzaw il-ħtieġa li jkun hemm taħriġ ripetut kull sentejn (2) jew tlieta (3), ħaġa li tafferma l-importanza li l-programm jtkompla b'kamp ta' applikazzjoni simili.

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

L-inizjattiva hija parti mill-proposta tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-2028-2034.

Il-Programm jipprovdi valur miżjud sinifikanti tal-UE billi jistabbilixxi u jsaħħaħ ir-relazzjonijiet u l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri, pajjiżi terzi, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-organizzazzjonijiet internazzjonali li jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali individwali.

Jistgħu jinstabu sinerġiji possibbli mal-Programm tas-Suq Uniku li se jiġbor flimkien miżuri appoġġati mill-baġit tal-UE biex jitneħħew l-ostakli transfruntiera u bejn il-pajjiżi u titrawwem il-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali, li Pericles se jikkontribwixxi għalihom ukoll, kif ukoll għall-funzjonament effiċjenti tas-suq uniku billi jiggarrantixxi s-sikurezza tal-munita unika. Is-sinerġiji mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività jistgħu jinstabu wkoll fis-sens li l-programm Pericles V se jfittex ukoll li jikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika u l-protezzjoni tal-

infrastruttura kritika billi jiżgura l-użu sikur tal-euro bħala l-munita unika u metodu ta' pagament.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

mhux applikabbli

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

☒ **durata limitata**

- ☒ b'effett mill-01/01/2028 sal-31/12/2034
- ☒ impatt finanzjarju mill-2028 sal-2034 għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u mill-2028 sal-2037 għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata mhux limitata**

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)d

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

- ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

- ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom
- ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati)
- ☐ lill-Bank Ewropew tal-Investment u lill-Fond Ewropew tal-Investment
- ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju
- ☐ lill-korpi tad-dritt pubbliku
- ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati
- ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati
- ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Etera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti
- ☐ lill-korpi stabbiliti fi Stat Membru, rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà *in solidum* mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

Kummenti

Mhux applikabbli

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar għal dan il-programm se jsegwu r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament xxx [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni Orizzontali].

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Metodu ta' implimentazzjoni tal-baġit:

Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz ta' ġestjoni diretta mill-Kummissjoni. Dan jiżgura li l-Kummissjoni tkun inkarigata kemm mill-ġestjoni diretta tal-Programm kif ukoll mit-tfassil u mill-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-UE għall-protezzjoni tal-euro, li tkopri l-prevenzjoni, l-infurzar u l-kooperazzjoni, filwaqt li tippermetti grad ottimu ta' sinerġija. Dan jiggarrantixxi l-kisba effettiva tal-għanijiet tal-Programm, peress li jorbot il-leġiżlazzjoni u l-politika mal-implimentazzjoni tal-Programm. Il-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni fi kważi kull azzjoni tappoġġa l-preparazzjoni u l-preżentazzjoni tad-dimensjonijiet leġiżlattivi u ta' politika tal-UE.

Mekkaniżmu għall-implimentazzjoni tal-finanzjament

L-appoġġ finanzjarju fil-Programm għal azzjonijiet eliġibbli għandu jieħu l-forma jew ta':

(a) għotjiet ("azzjonijiet implimentati mill-Awtorità Nazzjonali Kompetenti"), jew

(b) akkwist pubbliku ("azzjonijiet diretti").

Il-Kummissjoni tagħmel użu mill-azzjonijiet ta' akkwist ("azzjonijiet diretti") bl-għan li tikkomplimenta l-azzjonijiet ta' għoti u għalhekk tilħaq l-ogħla numru ta' theddidiet u prijoritajiet li qegħdin jitfaċċaw.

Il-programm ta' ħidma se jinkludi l-elementi obbligatorji kollha skont l-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju, inkluża l-allokazzjoni baġitarja.

Modalitajiet ta' pagamenti.

Il-Kummissjoni trid tħallas il-pagamenti li ġejjin lill-benefiċjarju:

- pagament wieħed ta' prefinanzjament;

- pagament wieħed tal-bilanċ, abbażi tat-talba għall-pagament tal-bilanċ.

L-għan tal-prefinanzjament huwa li jipprovdi lill-benefiċjarji b'somma (float). Il-prefinanzjament jibqa' l-proprjetà tal-Unjoni sakemm jiġi approvat fil-konfront tal-pagament tal-bilanċ. Il-pagament tal-bilanċ jirrimborża jew ikopri l-parti li jifdal tal-ispejjeż eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarju għall-implimentazzjoni tal-azzjoni.

Strateġija ta' kontroll.

Il-proċeduri ta' kontroll għaż-żewġ taqsimiet tal-programm (għotjiet u akkwisti) huma f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

Verifiki *ex ante* (għall-impenji u l-pagamenti)

L-għażla tal-Kummissjoni ta' ċirkwit finanzjarju hija ta' mudell parzjalment deċentralizzat, b'bidu u verifika finanzjarji mqiegħda fl-unità ċentrali tal-finanzi u bidu operazzjonali, verifika u awtorizzazzjoni finali fl-unitajiet operattivi. Il-fajls kollha jiġu vverifikati minn mill-inqas erba' (4) aġenti (l-aġent finanzjarju inizjatur u l-aġent finanzjarju verifikatur fl-unità tal-baġit u l-aġent inizjatur operattiv u l-aġent verifikatur fl-unità responsabbli għan-nefqa) qabel jiġu aċċettati mill-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni b'sottodelega.

Fil-fajls kollha tal-akkwisti ta' Pericles, ikun hemm preżenti rappreżentant tal-Kummissjoni fil-jum tal-azzjoni sabiex jissorvelja l-implimentazzjoni tajba tal-fondi (pereżempju waqt konferenzi u taħriġ).

Għotjiet

- Il-ftehim tal-għotja ffirmat mill-benefiċjarji jiddefinixxi l-kundizzjonijiet li japplikaw għall-iffinanzjar u l-attivitajiet li jirrikorru taħt l-għotja, inkluż kapitolu dwar metodi ta' kontroll.

- Fil-biċċa l-kbira tal-għotjiet ta' Pericles, ikun hemm preżenti rappreżentant tal-Kummissjoni fil-jum tal-azzjoni sabiex jagħti l-kontribut tiegħu għall-avveniment (pereżempju: bħala kelliem, ħarrieġa u jivverifika l-implimentazzjoni tajba tal-azzjoni (pereżempju waqt konferenzi u taħriġ).

Akkwisti

- Huma abbozzati termini dettaljati ta' referenza li huma l-bażi tal-kuntratt speċifiku. Miżuri kontra l-frodi huma previsti fil-kuntratti kollha konklużi bejn il-Kummissjoni u l-parti esterna.

- Il-Kummissjoni tagħmel kontrolli tar-risultati prattiċi kollha u tissorvelja l-operazzjonijiet u s-servizzi kollha mwettqa mill-kuntrattur qafas tagħna.

Il-kontrolli stabbiliti jippermettu lill-Kummissjoni li jkollha assigurazzjoni suffiċjenti tal-kwalità u r-regolarità tan-nefqa u jnaqqsu r-riskju ta' nuqqas ta' konformità. Il-kontrolli msemmija hawn fuq inaqqsu r-riskji potenzjali għal virtwalment zero u jilhq 100 % tal-benefiċjarji. L-istrateġija ta' kontroll tal-programm titqies bħala effiċjenti biex tillimita r-riskju ta' nuqqas ta' konformità u hija proporzjonata mar-riskju minħabba l-baġit żgħir involut.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Il-livell ta' riskju huwa kkunsidrat baxx għal ftehimiet tal-għotja, billi f'90 % tal-każijiet il-benefiċjarji huma l-amministrazzjonijiet pubbliċi jew is-servizzi tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri. Fil-każ ta' kuntratti mogħtija fuq il-bażi ta' proċess ta' akkwisti r-riskji huma inqas billi parti importanti tan-nefqa hi legalment u

finanzjarjament koperta minn kuntratt ta' qafas konkluż għal sena (1) bil-possibbiltà li jiġġedded tliet (3) darbiet.

F'konformità mar-rekwiżiti tal-Kummissjoni, se jitwettaq eżerċizzju ta' valutazzjoni tar-riskju kull sena.

Riskju importanti identifikat fil-files tal-ġhotjiet huwa l-interpretazzjoni fjakka mill-benefiċjarju tal-kondizzjonijiet tal-ġhotja rigward l-eliġibbiltà tal-kostijiet imġarrba fl-implimentazzjoni tal-azzjoni. Sabiex jitnaqqas dan ir-riskju qegħdin jiġu ppubblikati sensiela ta' Mistoqsijiet l-aktar Frekwenti (FAQ) għall-Applikanti fil-Portal għall-Finanzjament u għall-Offerti.

Affidabbiltà tar-rappurtar finanzjarju: Sabiex tiġi żgurata stampa vera u ġusta tas-sitwazzjoni attwali, il-pagamenti kollha huma soġġetti għal verifika tal-ammonti tagħhom. Jitwettqu wkoll verifika kif ukoll rappurtar orizzontali tal-kontabilità.

Is-salvagwardja tal-assi u tal-informazzjoni; Il-pagamenti ta' prefinanzjament li jkunu għad iridu jiġu kklerjati jidhru bħala assi fuq il-karta tal-bilanċ. Is-salvagwardja tinkiseb permezz ta' żewġ mezzi ewlenin: il-kapaċità finanzjarja tal-benefiċjarju potenzjali hija garantita peress li l-applikanti kollha jintgħażlu minn grupp magħluq ta' korpi pubbliċi u matul is-sena l-unità operazzjonali timmonitorja regolarment jekk ir-riżultati tanġibbli jiġux riċevuti fil-ħin.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-ġheluq)*

L-effettività tan-nefqa globali tal-kontrolli fuq l-ispejjeż ta' Pericles se titkejjel bil-proporzjon tal-ispejjeż totali tal-kontrolli fuq il-pagamenti. Jenħtieġ li jiġi kkunsidrat li għalkemm il-proporzjon tal-kostijiet ta' kontroll se jkun ogħla mill-medja l-implimentazzjoni se tkun effiċjenti u kosteffettiva biżżejjed. Il-proporzjon għoli tal-kostijiet ta' kontroll jista' jiġi spjegat b'dan li ġej:

L-unità responsabbli hija wkoll unità tan-negożju attiva li l-attivitajiet tagħha huma marbuta mal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet Pericles imwettqa mill-Istati Membri u mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Dan jitwettaq permezz tad-diskussjoni u l-koordinazzjoni tal-Grupp ta' Esperti tal-SM kif ukoll permezz tal-attenzenza fl-avvenimenti/ workshops/ taħriġ kollha organizzati mill-benefiċjarji. Diskussjonijiet preliminari jiggarantixxu l-kwalità għolja tar-riżultati li għandhom jintużaw għall-ħidma tal-unità. Il-parteċipazzjoni tal-persunal tal-Kummissjoni fl-avvenimenti kollha tirrelata prinċipalment mal-attivitajiet tiegħu bħala unità tan-negożju (li jippresjedi, jwassal preżentazzjonijiet, imexxi workshops, jabbozza konklużjonijiet flimkien ma' oħrajn u juża konsegwentement ir-riżultati) u fl-istess ħin jagħti l-opportunità ta' monitoraġġ u evalwazzjoni fuq il-post tal-kwalità tal-azzjonijiet kollha implimentati (massimu ta' 15 % tal-ħin imqatta' fuq il-post). Fl-istess kuntest, il-Kummissjoni ta' spiss tilqa' l-parteċipanti tal-iskambji tal-persunal ta' Pericles fil-bini tiegħu. Dawn il-kompiti jammontaw għal ammont sinifikanti ta' ħin għall-unità, ħafna minnhom huma relatati mal-politika.

Pericles għandu baġit relattivament żgħir, li l-implimentazzjoni u l-kontrolli tiegħu mhumiex proporzjonali għall-ġhotjiet baxxi relattivi mogħtija, b'mod simili,

minħabba l-baġit baxx tiegħu, il-programm ma jistax jibbenefika minn ekonomiji ta' skala.

Il-programm jitwettaq permezz ta' sejħa waħda għal proposti, b'żewġ skadenzi; għalhekk jiġu ġestiti żewġ proċeduri tal-ġhoti kull sena L-objettiv għas-sistema ta' ġestjoni u kontroll huwa li l-livelli mistennija ta' riskju ta' żball (mal-pagament u fl-għeluq) jinżammu taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 % fuq bażi annwali.

2.3. **Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet**

Ara l-premessa 9 tal-Proposta. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (Euratom) Nru 883/2013 u (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF, European Anti-Fraud Office) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u attivitajiet illegali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-ših fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tiżgura li kull parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

Il-Kummissjoni żżomm Strateġija robusta tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi (Commission Anti-Fraud Strategy, CAFS). Id-DĠ ECFIN jikkomplementa dan permezz ta' strateġija kontra l-frodi u tal-awditjar li tkopri l-attivitajiet li jaqgħu taħt il-mandat tiegħu, kif ukoll b'kontrolli *ex post* fuq il-programmi tad-DĠ ECFIN.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti Mhux applikabbli
- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali	minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
2	05 01 03 Nefqa ta' appoġġ għal Pericles (protezzjoni tal-Euro)	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
2	05 04 01 Pericles	Diff.	LE	LE	LE	LE

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- ☒ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt

3.2.1.1. Appropriazzjonijiet mill-baġit invutat

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	2
--	-------	---

DĠ: ECFIN			Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL QFP 2028-2034	
			2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034		
Appropriazzjonijiet operazzjonali											
Linja baġitarja 05 04 01 Pericles	Impenji	(1a)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
	Pagamenti	(2a)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi											
Linja baġitarja 05 01 03 Nefqa ta' appoġġ għal Pericles (il-protezzjoni tal-Euro)		(3)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għal DG ECFIN	Impenji	=1a+3	1	1	1	1	1	1	1	1	7
	Pagamenti	=2a+3	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
		Sena	Sena	Sena		Sena	Sena		Sena	Sena	TOTAL

			2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034	QFP 2028- 2034
TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
	Pagamenti	(5)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 2 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+6	1	1	1	1	1	1	1	7
	Pagamenti	=5+6	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali		4	“Nefqa amministrattiva”						
DG:ECFIN		Sena 2028	Sena 2029	Sena 2030	Sena 2031	Sena 2032	Sena 2033	Sena 2034	TOTAL QFP 2028- 2034
•Riżorsi umani		0,376	0,376	0,376	0,376	0,376	0,376	0,376	2,632
•Nefqa amministrattiva oħra		0,015	0,015	0,015	0,015	0,015	0,015	0,015	0,105
TOTAL DG ECFIN	Appropriazzjonijiet	0,391	0,391	0,391	0,391	0,391	0,391	0,391	2,737

TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l- INTESTATURA 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total tal- impenji = Total tal- pagamenti)	0,391	0,391	0,391	0,391	0,391	0,391	0,391	2,737
--	--	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2028	Sena 2029	Sena 2030	Sena 2031	Sena 2032	Sena 2033	Sena 2034	TOTAL QFP 2028- 2034
TOTAL tal- appropriazzjonijiet skont l- INTESTATURI 1 sa 4	Impenji	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
tal-qafas finanzjarju pluriennali	Pagamenti	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.

3.2.2. *Output stmat iffinanzjat mill-appropriazzjonijiet operazzjonali (din it-taqsimma ma għandhiex timtela mill-aġenziji deċentralizzati)*

L-indikaturi tal-output u tar-riżultati għall-fini tal-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet ta' dan il-Programm se jikkorrispondu għall-indikaturi komuni pprovduti skont ir-Regolament xxx [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni].

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi

- ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☒ Il-proposta/L-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt

3.2.3.1. Appropriazzjonijiet mill-baġit invutat

APPROPRJAZZJONIJIET INVUTATI	Sena 2028	Sena 2029	Sena 2030	Sena 2031	Sena 2032	Sena 2033	Sena 2034	TOTAL GĦALL- PERJODU 2028 - 2034
INTESTATURA 4								
Riżorsi umani	0,376	0,376	0,376	0,376	0,376	0,376	0,376	2,632
Nefqa amministrattiva oħra	0,015	0,015	0,015	0,015	0,015	0,015	0,015	0,105
Subtotal tal-INTESTATURA 4	0,391	0. 391	0. 391	0. 391	0. 391	0. 391	0. 391	2,737
Barra mill-INTESTATURA 4								
Riżorsi umani	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
Subtotal barra mill- INTESTATURA 4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
TOTAL	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew diġà riallokati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazżjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazżjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani
- ☒ Il-proposta/L-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt

3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit invutat

L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time (FTEs, Full-Time Equivalent)

APPROPRJAZZJONIJIET INVUTATI	Sena 2028	Sena 2029	Sena 2030	Sena 2031	Sena 2032	Sena 2033	Sena 2034
•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)							
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	2	2	2	2	2	2	2
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0	0	0	0
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)	0	0	0	0	0	0	0
01 01 01 11 (Riċerka diretta)	0	0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika)	0	0	0	0	0	0	0
• Persunal estern (FTEs)							
20 02 01 (AC, END mill-"pakkett globali")	0	0	0	0	0	0	0

20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE)		0	0	0	0	0	0	0
Linja ta' appoġġ Ammin.	- fil-Kwartieri Ġenerali	0	0	0	0	0	0	0
	- fid-Delegazzjonijiet tal-UE	0	0	0	0	0	0	0
01 01 01 02 (AC, END – Riċerka indiretta)		0	0	0	0	0	0	0
01 01 01 12 (AC, END - Riċerka diretta)		0	0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Intestatura 4		0	0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 4		0	0	0	0	0	0	0
TOTAL		2	2	2	2	2	2	2

Il-persunal meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta (f'FTEs):

	Għandu jiġi kopert mill-persunal attwali disponibbli fis-servizzi tal-Kummissjoni	Persunal addizzjonali eċċezzjonali *		
		Irid jiġi ffinanzjat taħt l-Intestatura 4 jew mir-Riċerka	Għandu jiġi ffinanzjat mill-linja BA	Għandu jiġi ffinanzjat mit-tariffi
Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal	2		M/A	
Persunal estern (CA, SNEs, INT)				

*Jekk jogħġbok hawn taħt agħti spjega qasira dwar għaliex il-kompiti inklużi fil-proposta in kwistjoni ma jkunux jistgħu jiġu koperti bis-siġh minn riżorsi eżistenti tar-riżorsi umani u minn ċaqliq intern tal-persunal fi ħdan id-DĠ li diġà jkun qiegħed jimplimenta l-azzjoni jew fi ħdan is-servizzi tal-Kummissjoni.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu minn:

Uffiċjali u persunal temporanju	L-ippjanar, il-ġestjoni, is-segwitu u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-programm.
Persunal estern	

3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali

Obbligatorju: fit-tabella ta' hawn taħt għandha tiġi inkluża l-aħjar stima tal-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali li jirriżultaw mill-proposta/mill-inizjattiva.

B'mod eċċezzjonali, meta jkun meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva, l-appropriazzjonijiet skont l-Intestatura 4 għandhom jiġu ppreżentati fil-linja ddeżinjata.

L-appropriazzjonijiet skont l-Intestaturi 1 sa 3 għandhom jiġu riflessi bħala “Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta’ programmi operazzjonali”. Din in-nefqa tirreferi għall-baġit operazzjonali li għandu jintuża għall-użu mill-ġdid/għax-xiri/għall-iżvilupp ta’ pjattaformi/għodod tal-IT relatati direttament mal-implimentazzjoni tal-inizjattiva u mal-investimenti assoċjati tagħhom (eż. liċenzji, studji, ħżin ta’ data eċċ.). L-informazzjoni pprovduta f’din it-tabella għandha tkun konsistenti mad-dettalji ppreżentati fit-Taqsima 4 “Dimensjonijiet diġitali”.

TOTAL tal-appropriazzjonijiet diġitali u tal-IT	Sena 2028	Sena 2029	Sena 2030	Sena 2031	Sena 2032	Sena 2033	Sena 2034	TOTAL QFP 2028 - 2034
INTESTATURA 4								
Nefqa tal-IT (korporattiva)	0,016	0,016	0,016	0,016	0,016	0,016	0,016	0,115
Subtotal tal-INTESTATURA 4	0,016	0,016	0,016	0,016	0,016	0,016	0,016	0,115
Barra mill-INTESTATURA 4								
Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta’ programmi operazzjonali	0	0	0	0	0	0	0	0
Subtotal barra mill-INTESTATURA 4	0	0	0	0	0	0	0	0
TOTAL	0,016	0,016	0,016	0,016	0,016	0,016	0,016	0,115

3.2.6. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta hija konsistenti mal-proposta għall-QFP 2028-2034

3.2.7. *Kontribuzzjonijiet ta’ partijiet terzi*

Il-proposta/L-inizjattiva:

- ☒ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi
- ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Appropriazzjonijiet f’miljuni ta’ EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena 2028	Sena 2029	Sena 2030	Sena 2031	Sena 2032	Sena 2033	Sena 2034	Total
Speċifika l-korp ta’ kofinanzjament								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- ☒ Il-proposta/L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☐ Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - ☐ fuq ir-riżorsi proprji
 - ☐ fuq dħul ieħor
 - ☐ indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet pozzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Appropjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ²⁵						
		Sena 2028	Sena 2029	Sena 2030	Sena 2031	Sena 2032	Sena 2033	Sena 2034
Artikolu								

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI

4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali

Il-proposta attwali hija meqjusa li ma għandha l-ebda rilevanza diġitali. Ma tintroduċix, ma timmodifikax, jew ma taffettwax l-użu ta' mezzi diġitali, aspetti tad-data, jew il-forniment ta' servizzi diġitali pubbliċi. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta huwa limitat għall-protezzjoni tal-euro kontra l-kontraffazzjoni u għalhekk ma taqax taħt l-applikazzjoni tal-prinċipju diġitali b'mod awtomatiku.

Il-proċess ta' applikazzjoni għall-benefiċjarji għall-programm huwa ġestit permezz tas-sistema tal-għotjiet elettroniċi, li hija għodda diġitali preeżistenti użata mill-biċċa l-kbira tal-programmi ta' għotjiet biex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' applikazzjoni.

4.2. Data

Mhux applikabbli

²⁵ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

4.3. Soluzzjonijiet diġitali

Mhux applikabbli

4.4. *Valutazzjoni tal-interoperabbiltà*

Mhux applikabbli

4.5. Misure li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali

Mhux applikabbli